**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 30 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 94/01 AJD*

Equipment Hire Limited

vs

Simon Spiteri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm105.33) rappresentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand l-istess socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 17 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm105.33) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR